



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 0252/2009, imressqa minn François Espuche, ta' nazzjonalità Franċiża, f'isem l-Assoċjazzjoni Gratte Papiers, flimkien ma' 14-il firma, dwar l-allegat ksur tal-leġislazzjoni ambjentali Ewropea b'rabta ma' landfill ippjanata biex tinbena f'Lassac (Sallèles Cabardès, Aude)

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jisfida d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet lokali ta' Aude rigward il-bini ta' landfill f'Lassac. Huma jargumenta li l-proġett se jmur kontra l-leġislazzjoni Ewropea dwar l-iskart u b'mod partikolari d-Direttiva 75/442/KE, kif emendata mid-Direttiva 2006/12/KE. Il-petizzjonant jiddenunzja l-għażla ta' Lassac, li għadha mniġġsa sew bl-arseniku minħabba l-attività tas-sit industrijali li kien hemm qabel ta' Salsigne. Barra minn hekk, il-parti interessata targumenta li d-deċiżjoni tteħdet mingħajr konsultazzjoni pubblika xierqa. Skont dan, l-għażla tas-sit ma tikkunsidrax in-nuqqas ta' tafal, u lanqas tal-obbligu li dan irid jingiebb minn barra. Il-petizzjonant isostni li d-deċiżjoni tinjora wkoll il-fatt li l-landfill se tkun 20 metru 'l bogħod mit-triq reġjonali u li ladarba timtela se tkun 90 metru oġġla mil-livell tat-triq. Huwa jitlob lill-Parlament Ewropew sabiex jistħarreġ il-kwistjoni u jħassar dan il-proġett.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-27 ta' Mejju 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fl-1 ta' Settembru 2009.

Il-landfills huma rregolati fil-livell Komunitarju permezz tad-Direttiva 1999/31/KE<sup>1</sup> dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma. Skont l-Anness I tad-Direttiva tat-Terraferma, il-post ta' terraferma jrid jikkunsidra l-ħtiġijiet relatati ma':

- a) id-distanza mill-fruntiera tas-sit għal żoni residenzjali u rikreazzjonali, passaġġi tal-ilma, korpi tal-ilma u siti oħra urbani u agrikoli;
- b) l-eżistenza tal-ilma tal-qiegħ, ilmtal-kosta jew ta' żoni ta' protezzjoni tan-natura fiż-żona;
- c) il-ġeoloġija u l-idroġeoloġija taż-żona;
- d) ir-riskji ta' għargħar, ċediment, uqigħ ta' massa jew valangi fuq is-sit;
- e) il-ħarsien tal-wirt naturali jew kulturali fiż-żona.

It-terraferma tista' tiġi biss awtorizzata sakemm, minħabba l-karatteristiċi tas-sit b'rispett għall-ħtiġijiet imsemmija hawn fuq, jew il-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu, it-terraferma mhux qiegħda f'pożizzjoni ta' riskju serju għall-ambjent.

L-għażla tas-sit tal-landfill u d-deċiżjoni biex tawtorizza landfill jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. L-awtorità kompetenti għandha tevalwa r-riskji marbuta mal-ftuħ ta' installazzjonijiet ġodda għall-ġestjoni tal-iskart. Il-Kummissjoni ma tistax tinterferixxi mal-awtorità nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-pożizzjoni u l-karatteristiċi ta' dawn l-infrastrutturi, sakemm id-deċiżjonijiet meħuda jirrispettaw il-liġi ambjentali Komunitarja.

F'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva tat-Terraferma, l-awtorità kompetenti toħroġ awtorizzazzjoni għal landfill jekk is-sit tal-landfill huwa konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti kollha tad-Direttiva tat-Terraferma u mal-liġijiet l-oħra applikabbli. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-kummenti magħmula mill-petizzjonant fir-rigward tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni li permezz tiegħu l-Kunsill Ġenerali ta' Aude ħa deċiżjoni dwar il-bini ta' landfill f'Lassac. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE<sup>2</sup> jistipula b'mod partikolari li l-pjanijiet previsti fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE<sup>3</sup> ikunu ppreżentati għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku, skont ir-regoli definiti fl-Artikolu 2 imsemmi hawn fuq. Ta' min jenfazizza li d-Direttiva 2003/35/Ke ġiet adottata sabiex jiġi żgurat li l-liġi Komunitarja tkun kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Minħabba l-fatt li, sabiex twieġeb għall-petizzjoni, il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni fattwali dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, intbagħtet ittra lir-Rappreżentanza Permanenti ta' Franza.

#### ***Konklużjonijiet***

Wara li kkunsidrat dak li ssemma qabel, il-Kummissjoni tinnotta li ma hemm xejn x'jindika li l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi tal-iskart ma ġewx

1 (ĠU L 182, 16.7.1999, pp.1-19).

2 Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975, bl-emendi ulterjuri tagħha, ġiet konsolidata mid-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006, fil-ĠU L 114, 27.4.2006, p.9.

irrispettati f'dan il-każ.

Ta' min jinnota li l-Kummissjoni mhijiex kompetenti biex tidentifika liema siti speċifiċi għandhom jintużaw bħala landfills, u lanqas biex tevalwa r-riskji marbuta magħhom. Dawn l-attivitajiet jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali.

Fir-rigward tal-punt li għandu x'jaqşam mal-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-Kummissjoni se tinforma lill-petizzjonant dwar l-analiżi tagħha, hekk kif tasal it-tweġiba mill-awtoritajiet kompetenti Franċiżi.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.**

##### *Il-petizzjoni*

Il-petizzjonant, li qed jaġixxi f'isem l-Assoċjazzjoni Gratte Papiers, iqis li d-deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali ta' Aude li jinstalla landfill fis-sit ta' Lassac (il-Komun ta' Sallèles Cabardès) ma tirrispettax il-liġi Ewropea applikabbli, u b'mod partikolari d-Direttiva 75/442/KEE, kif emendata mid-Direttiva 2006/12/KE<sup>1</sup>, u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

##### *Kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni*

Fil-komunikazzjoni inizjali tagħha l-Kummissjoni diġà esprimiet l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-allegat ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-landfills (id-Direttiva 1999/31/KE<sup>2</sup>). Fir-rigward tal-possibilità ta' nuqqas ta' rispett tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, irregolat bis-sħiħ mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE<sup>3</sup>, il-Kummissjoni ppreċiżat li se titlob informazzjoni fattwali mill-awtoritajiet Franċiżi kompetenti qabel ma tieħu l-pożizzjoni tagħha.

Fit-tweġiba tagħhom, dawn l-awtoritajiet jippreċiżaw li l-pjan preċedenti għar-rimi tal-iskart domestiku u simili (PDEDMA) tad-Dipartiment ta' Aude kien imur lura għall-1994. Il-Kunsill Ġenerali approva pjan ġdid f'Marzu 2007. Il-petizzjonant qed jirreferi għal dan l-aħħar pjan.

Id-Direttiva 2003/35/KE li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi – fosthom il-PDEDMA – ġiet trasposta fil-liġi Franċiża permezz tad-Digriet Nru 2006-578 tat-22.05.06. L-inkjesta pubblika fil-każ imsemmi mill-petizzjonant kienet saret, skont dawn l-awtoritajiet, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Digriet.

Fil-fatt, l-inkjesta pubblika, irregolata minn deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tat-22.11.06, saret bejn it-18.12.06 u t-18.01.07. Din ġiet estiża sas-26.01.07, b'deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-10.01.07. Il-kumitat tal-inkjesta kellu 13-il uffiċċju, f'ħames postijiet differenti. Id-dokument għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kien fih: l-abbozz tal-pjan, in-nota ta' spjegazzjoni, ir-rapport ambjentali u spjegazzjoni fil-qosor mhux teknika. Il-pubbliku ssottometta 444 osservazzjoni fl-għoxrin reġistru li kien hemm f'dawn l-uffiċċji. Barra minn hekk, il-kumitat

<sup>1</sup> (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9-21).

<sup>2</sup> (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1-19).

<sup>3</sup> (ĠU L 156, 25.6.1003, p. 17-25).

tal-inkjesta rċieva 63 ittra.

Tal-anqas ħmistax il-ġurnata wara l-ftuħ tal-inkjesta u matulha, twaħħal avviż tal-inkjesta fil-Komuni kollha tad-Dipartiment. Deher ukoll avviż tal-inkjesta fiż-żewġ gazzetti reġjonali.

Id-dokumenti kollha relatati mal-PDEDMA kif ukoll l-istudji preliminari li l-pjan kien jagħmel referenza għalihom ukoll kienu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-bidu tal-proċedura u ngħataw bla dewmien lil kull persuna li talbithom. L-awtoritajiet Franċiżi jżidu li seta' ġara li l-Kunsill Ġenerali ta' Aude ma setax jagħti ċerti studji li kienu f'idejn il-kap tax-xogħlijiet. Sadanittant dan għadda t-talbiet relatati ma' dan tal-aħħar sabiex huwa jagħti segwitu pożittiv għat-talbiet.

Fir-rigward tal-istudju (imsemmi fil-paġni 15 u 16 tal-petizzjoni) li sar mill-kumpanija Arcadis, taħt is-superviżjoni tas-Syndicat mixte d'études (SMED), l-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li din kienet tat aċċess għad-dokumenti amministrattivi (CADA) lill-petizzjonant wara s-sottomissjoni lill-Kummissjoni. Billi dan kien dokument intermedjarju, il-Kunsill Ġenerali ta' Aude inkariga lil CADA biex tippreżenta opinjoni dwar il-kwistjoni biex isir jaf jekk dan id-dokument kellux jiġi kkomunikat. Wara li waslet din l-opinjoni, il-Kunsill Ġenerali għadda d-dokument inkwistjoni lil min talbu. Barra minn hekk - iżidu jgħidu l-awtoritajiet Franċiżi - inbdiet proċedura quddiem it-Tribunal Amministrattiv ta' Montpellier għar-rifjut tal-komunikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi. Skont ordinanza tas-06.06.07, it-Tribunal irreġistra l-irtirar tal-kwerelant – il-petizzjonant attwali – billi ġew rifjutati l-biċċa l-kbira tal-konklużjonijiet tiegħu kontra l-Kunsill Ġenerali.

Il-kumitat tal-inkjesta studja l-osservazzjonijiet imfassla, filwaqt li għadda lill-Kunsill Ġenerali d-dokumenti kollha, flimkien ma' rapport relatat mal-progress tal-inkjesta u, f'dokument separat, il-konklużjonijiet raġunati tiegħu u l-opinjoni tiegħu dwar l-inkjesta.

Jidher minn dawn il-fatti li f'dan il-każ il-parteciċipazzjoni tal-pubbliku saret skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE. Mhijiex fil-kompetenza tal-Kummissjoni li teżamina l-validità ta' kummenti fundamentali mfassla mill-petizzjonant fir-rigward tal-kontenut tal-istudji jew ta' dokumenti li ntużaw fil-proċedura ta' adozzjoni tal-PDEDMA ta' Aude.

### *Konklużjonijiet*

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni ma sabietx elementi li jwasslu għall-konklużjoni li kien hemm ksur tar-regoli fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tal-pubbliku għall-PDEDMA ta' Aude, adottat f'Marzu 2007.